2026/2183

30.9.2026

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/2183

tat-22 ta' Settembru 2026

li taħtar membru, propost mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, fil-Kumitat tar-Reġjuni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Gvern Ġermaniż,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 300(3) tat-Trattat, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali, li jew ikollhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta.

(2) Fit-13 ta' Mejju 2025, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2025/954 ([2]), li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mit-13 ta' Mejju 2025 sal-25 ta' Jannar 2030 u li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/71 ([3]).

(3) Konsegwentement għal tmiem il-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu ġie propost għall-ħatra s-Sur Volker-Gerd WESTPHAL sar vakanti s-siġġu ta' membru fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(4) Il-Gvern Ġermaniż ippropona lis-Sur Markus NIGGEMANN, rappreżentant ta' korp reġjonali li huwa politikament responsabbli quddiem assemblea eletta, *Staatssekretär im Ministerium für Wirtschaft, Energie, Klimaschutz und Europa des Landes Brandenburg* (Segretarju tal-Istat fil-Ministeru għall-Affarijiet Ekonomiċi, l-Enerġija, l-Azzjoni Klimatika u l-Affarijiet Ewropej tal-Istat ta' Brandenburg), bħala membru fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2030,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Sur Markus NIGGEMANN, rappreżentant ta' korp reġjonali li huwa politikament responsabbli quddiem assemblea eletta, *Staatssekretär im Ministerium für Wirtschaft, Energie, Klimaschutz und Europa des Landes Brandenburg* (Segretarju tal-Istat fil-Ministeru għall-Affarijiet Ekonomiċi, l-Enerġija, l-Azzjoni Klimatika u l-Affarijiet Ewropej tal-Istat ta' Brandenburg), huwa b'dan maħtur bħala membru fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2030.

([1]) ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2019/852/oj.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/954 tat-13 ta' Mejju 2025 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mit-13 ta' Mejju 2025 sal-25 ta' Jannar 2030 u li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2025/71 (ĠU L, 2025/954, 22.5.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2025/954/oj).
([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/71 tal-10 ta' Diċembru 2024 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2025 sal-25 ta' Jannar 2030 (ĠU L, 2025/71, 16.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2025/71/oj).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Settembru 2026.

Għall-Kunsill

Il-President

T. BYRNE